BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 12/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 16 ta' Novembru 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzata** | **Mrs Bernardette Pace** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 11/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u J.Borg issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/11 -* Għal sena oħra l-Grupp Armar tal-Festa qed iressaq talba sabiex jarma l-Bajja s-Sabiħa bl-armar tal-Milied għas-somma ta' €550 Vat inkluż. Il-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjoni li x-xogħol ta' dawl jiġi ċertifikat minn persuna l-liċenzjata. Qabel ma jinxtegħel id-dawl il-Kunsill irid ikollu f'idu ċ-ċertifikazzjoni.

*02/11 -* Residenti minn Triq San Franġisk Saverju resqu petizzjoni sabiex jitneħħew il-*Bring-in-bins* li tpoġġew fil-*Housing Estate*. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li kien hemm ħafna nies li joqogħdu fl-inħawi li faħħru din l-inizjattiva għaliex in-nies qed jedukaw ruħhom fuq ir-riċiklaġġ kif ukoll dawn il-*bins* qegħdin jinżammu nodfa. J.Borg ikkummenta li dawn il-*bins* qed jintużaw tajjeb min-nies li joqogħdu fil-*Housing Estate*. Għaldaqstant il-Kamra unanimament qablet li dawn il-*bins* m'għandhomx jitneħħew.

*03/11 -* Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa irċieva l-approvazzjoni tat-Transport Malta sabiex isir *single yellow line* fi Triq it-Tankijiet minn Triq Santa Katarina sa Triq San Pawl mal-*boundary wall* tal-Enemalta Depot. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li dan is-*single yellow line* ma jsirx

għalissa sabiex ma nkomplux inkabbru l-problema tal-*parking* pero' jekk naraw li qiegħed jinħoloq periklu fit-triq, dan is-*single yellow line* isir minnufih.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-offerta pubblika.

Offerta Nru. 02/10 - Servizz ta' Perit għal proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

| Nru. | Kuntrattur | Item 1 | Item 2 | Item 3 | Item 4 | Item 5 | Item 6 | Item 7 | Item 8 | Item 9 | Item 10 | Item 11 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Design & Technical Resources Ltd. | 0.59% | 0.42% | 2.18% | 1.18% | 0.75% | €35/hr | 0.75% | 1.75% | €35/hr | €35/hr | €35/hr |
| 2 | Med Design Associates | 1.5% | 0.80% | 1.8% | 1.5% | 1.0% | €200/ report | 0.5% | 1.5% | €12/ €7.50/ €5.00 | €12/ €7.50/ €5.00 | €12/ €7.50/ €5.00 |
| 3 | Perit A.C.Bezzina | 1.45% | 0.95% | 2.45% | 2.0% | €25/hr | €30/hr | 0.95% | 2.45% | €30/hr | €30/hr | €30/hr |
| 4 | C&C Projects | 1% | 0.85% | 2% | 1.9% | 1.35% | 0.5% | 0.9% | 1.6% | 1% | €25/hr | €25/hr |
| 5 | Perit William Lewis | 0.4% | 0.4% | 0.9% | €1200 | €900 | NIL | 0.4% | 0.8% | €30/hr | NIL | €30/hr |
| 6 | Perit Leonard Zammit | 1.25% | 0.75% | 1.95% | 2.5% | 1.5% | €230 | 0.75% | 1.8% | €100 | €30 | €100 |

Wara li evalwat il-prezzijiet, il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 5 - Perit William Lewis għal dan is-servizz mitlub.

***AĠENDA -4***

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tlett xhur bejn l-1 ta' Lulju u t-30 ta' Settembru 2010. Dan ġie approvat mill-Kamra.

Ukoll ġie unanimament approvat mill-Kamra, wara diskussjoni, li l-kont bankarju ta' fejn tidħol l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsill jinqaleb mill-bank HSBC ghal dak BOV.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Novembru 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €94,196.23 titħallas skond Skeda Nru. 11/10.

***AĠENDA -6***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

- l-Kunsill qiegħed iżomm reġistru tal-ilmenti li jidħlu l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex ikun jista' jagħmel *follow up* tagħhom aħjar.

- Delegazzjoni mill-Kunsill kellha laqgħa mas-Sur Paul Sammut, Kap tal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa sabiex jerġa' jibda l-proċess għal bini ta' librerija ġdida fi Triq San Mikiel c/w Triq Żarenu Dalli. Is-Surmast deher li jaqbel ma' din l-inizjattiva pero' irridu nibdew billi nġibu l-approvazzjoni min-naħa tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

- l-amministrazzjoni ser toħroġ kwotazzjonijiet għal (a) Tindif f'Birżebbuġa, (b) *Printing* tal-Fuljett tal-Kunsill, (c) Perit li jirrappreżenta l-Kunsill. Ukoll ser taħdem sabiex toħroġ sejħa pubblika għal kisi ta' toroq.

- l-applikazzjonijiet taħt l-iskema tal-U.I.F., dak tal-bdil ta' *chainlink fencing* għal futbol *ground* u tibdil fl-*iskateboard park* ġew aċċettati. Kulma jonqos l-approvazzjoni min-naħa tal-MEPA sabiex ikun jista' jibda x-xogħol.

- il-kuntratt mal-GreenPak, dak ta' ġbir ta' skart riċiklabbli bieb, bieb ser jiskadi fi Frar 2011. Għaldaqstant is-Segretarju staqsa lill-Kamra jekk jixtiequx jerġgħu jġeddu dan il-kuntratt. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li ġġedded dan il-kuntratt għal sena oħra. Ukoll is-Segretarju nforma l-Kamra li fi Frar 2011 GreenPak ser iqassmu b'xejn pakkett boroż tar-riċiklaġġ lil kull dar ġol-lokal.

- minħabba li s-sena finanzjarja tal-Kunsill tispiċċa f'Diċembru ġie maqbul li l-Laqgħa Pubblika issir nhar it-Tlieta 4 ta' Jannar 2011 fis-6.00pm.

- l-ikla għall-Kunsillieri u impjegati tal-Kunsill għal żmien il-Milied ser issir nhar il-Ħadd, 19 ta' Diċembru 2010.

2. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward tad-dgħajsa u karrijiet fi Triq Sant'Anġlu c/w Triq il-Port Ħieles li għadhom ma tneħħewx. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li dan l-ilment ġie riferut lill-ispettura tal-lokal nhar id-29 ta' Ottubru 2010 u *reminder* nhar id-16 ta' Novembru 2010. Ukoll R.Zahra irrimarka li hemm bżonn jinżebagħ *yellow line* fil-kantuniera ta' Triq Profs. Anton Tabone ma' Triq iż-Żurrieq.

3. J.Borg fl-assenza ta' B.Pace informa l-Kamra fuq l-andament tal-ġemellaġġ. Dan kien suċċess u dawk li ħadu sehem kollha faħħru din l-inizjattiva. Qiegħed isir pjan sabiex għal ħabta ta' Mejju 2011 jitilgħu residenti mil-lokal sabiex jieħdu sehem fil-maratona ta' ġiri li ssir f'Porto San Giorgio. Ukoll hu nforma l-Kamra li fit-30 ta' Novembru sejjaħ laqgħa għaż-żgħażagħ li kienu nteressati jieħdu sehem fil-*President's Award Programme.*

4. J.Baldacchino irrimarka li llum qiegħed iħoss in-nuqqas ta' radju tal-lokal wara li l-Energy FM kien għalaq aktar kmieni din is-sena. Hu ssuġġerixxa li tinġieb informazzjoni dwar x'jinvolvi sabiex jinħoloq radju u xi tkun l-ispiża għal dan.

5. S.Cuschieri fakkret lill-Kamra li nhar id-19, 20 u 21 ta' Novembru 2010 ser tibda l-fiera tal-kotba b'risq il-*Community Chest Fund*.

6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward tal-ħafna lmenti li qiegħed jirċievi minn residenti tal-inħawi ta' Triq Santa Rita fuq trakkijiet u żjut li qed ikun hemm fl-istess triq. Il-Kamra qablet li għandha tinkiteb ittra lill-awtorita' kkonċernata sabiex jinqata' l-abbuż.

7. Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' 'Inġeddu Tfulitna' fejn il-Kamra approvat spiża ta' €531.00.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.15pm. Seduta oħra ser issir nhar, it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2010 fit-8.30am. .

.

| ........................................ | ............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| Schedule of Payments 11/10 | | | |
|---|---|---|---|
| **Period 01/11/2010 till 30/11/2010** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount** |
| 8089 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE July 10 | €1,702.76 |
| 8140 | Kempinski Hotel | Accomodation - ECAD Conference | €240.00 |
| 8210 | Tony Minuti | Cutting of grass | €58.23 |
| 8211 | Carmen Debattista | Library Opening - October '10 | €104.94 |
| 8206 | Petty Cash | Petty Cash Payments | €314.84 |
| 8212 | Ben Farrugia | Hosting of Website Domain | €475.00 |
| 8213 | WasteServ Malta Ltd | Tipping Fees June from Sept 10 | €12,471.18 |
| 8205 | Commissioner of Inland Revenue | NIC & PAYE Oct '10 | €2,013.32 |
| 8199 - 8203 | Salaries | Salaries and Wages Oct 10 | €4,529.65 |
| 8214 | J.Brincat | Newspapers Sept '10 | €42.30 |
| 8215 | Elmein Ltd | Lift Certification | €17.70 |
| 8217 | New Era Waste Services | Extra Sweeping Oct '10 | €472.00 |
| 8217 | New Era Waste Services | Street Cleaning Oct '10 | €1,939.58 |
| 8218 | ELC | Upkeep Public Gardens Oct '10 | €1,147.92 |
| 8219 | Ronald Bezzina | Cleaning of Public Convenience Oct '10 | €1,017.29 |
| 8219 | Ronald Bezzina | Cleaning of Public Places Oct '10 | €332.92 |
| 8219 | Ronald Bezzina | Extra work August - September 2010 | €30.00 |
| 8219 | Ronald Bezzina | Bulky Refuse September 2010 | €361.15 |
| 8207 | RVS Ltd. | Refuse Collection Oct '10 | €8,008.00 |
| 8220 | Maria Fenech | Cleaning of Hall 4 times | €68.00 |
| 8221 | Eastern Store | Cleaning Material | €7.65 |
| 8222 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | €390.70 |
| 8223 | Tino 2000 | Office Supplies | €33.39 |
| 8224 | Emmanuel Francalanza | Birzebbuga Feature Production | €30.00 |
| 8225 | Pauline Ellul | Office Cleaning Oct '10 | €95.00 |
| 8226 | MITA | E-mail a/c July - Sept '10 + Maint. & Support | €479.27 |
| 8227 | GO plc | Telephone expenses September '10 | €506.18 |
| 8228 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | €1,255.28 |
| 8229 | Cleansing Services Dept. | Removal of dead animals | €120.00 |
| 8230 | J.J. Ironmongery | Various Hardware Supplies | €54.97 |
| 8231 | JM Installations | Lighting repairs | €3,203.12 |
| 8232 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Supply of Kerbs & Droppers | €22.42 |
| 8233 | Melita plc | TV Reception | €152.93 |
| 8234 | Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali | Local Warden Services March - September '10 | €43,559.45 |
| 8235 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses Oct 10 | €58.00 |
| 8236 | Michael Magro | Reimbursed Expenses Oct 10 | €72.00 |
| 8237 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Performance Rights Society | €36.00 |
| 8238 | Charlie Fenech | Tipper Truck Oct 10 | €1,386.00 |
| 8208 | Attard Services Ltd. | Paint | €104.00 |
| 8209 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Laqgha Plenarja | €200.00 |
| 8239 | Peter Briffa | Reimbursed Expenses Jan - Oct 10 | €78.00 |
| 8162 | Heritage Malta | Ghar Dalam Tickets - PSG | €172.50 |
| 8163 | Airmalta | Air Tickets - PSG | €6,658.50 |
| 8198 | Marsovin PLC | Wine Supplies - PSG | €174.09 |
| | | **Total Paid** | **€94,196.23** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**